MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru 97/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Bajada, 39 sena, bin Anthony u Mary Jane nee'Azzopardi, imwieled Victoria, nhar id-09 ta' Marzu 1974, residenti fil-fond numru Joseph House, Triq Canga, Xewkija u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 7474(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Bajada li gie akkuzat talli nhar il-05 ta' Ottubru 2010, gewwa Triq Ta' Sannat, Sannat, Ghawdex u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll

jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli:

a. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ta' Vanessa Azzopardi b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna ta'l-istess Vanessa Azzopardi.
b. Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'dina l-kawza jikkonsistu essenzjalment fix-xhieda tal-parti leza u ta'l-imputat. Provi ohra cirkostanzjali jew xhieda okulari ma hemmx. Il-vittma Vannessa Azzopardi, tirrakonta illi l-imputat taha fastidju f'zewg okkazzjonijiet filwaqt li hija kienet fuq il-post tax-xoghol taghha bhala spizjara gewwa zewg spizeriji, wahda gewwa s-Sannat u l-ohra ix-Xewkija. Hija tirrakonta dak li sehh f'tlett okkazzjonijiet, l-ewwel darba meta hija ghamlet ir-rapport mas-surgent 1377 Emanuel Cilia[1], imbaghad meta giet mitkellma mill-Ispettur Josric Mifsud[2], u finalment meta tixhed fil-kawza[3]. Hija dejjem tirrakonta l-istess verzjoni tal-fatti. Tghid illi fl-4 ta' Ottubru 2010 kienet xoghol fl-ispizerija Xewkija Gozo Chemists, meta f'hin minnhom dahal l-imputat sabiex jigbor xi medicini li jipprovdilu l-Gvern. Dan qabad konversazzjoni maghha u beda jistaqsieha x'taghmel fil-hin liberu taghha. Hija ma haditx pjacir b'din l-attenzjoni u talbitu ismu u marret sabiex igib il-medicini minn kamra ohra, izda bi zball harget medicina ta' mara minflok tieghu u ghalhekk regghet marret lura f'dina il-kamra sabiex iggib il-medicina ta'l-imputat, meta l-imputat segwieha u mar hdejn il-bieb ta' dina il-kamra. Hija ghalhekk irritornat malajr wara il-bank tal-hanut u hawnhekk l-imputat kompla

[1] Ara rapport Dokument A a fol.8
[2] Ara stqarrija Dokument JM1 a fol.19
[3] Ara xhieda ta' Vanessa Azzopardi a fol.24 et. seq.

jistaqsieha dwar dak li taghmel fil-hin liberu taghha u anke stedinha ghall-ikel. Hija irrifjutat u infurmatu li kienet gharusa u ma kellhiex interess. Huwa baqa’ jissikkaha, izda hija ghaddietlu il-medicini li kellha u qaltlu sabiex jigbor xi medicini ohra li ma kienux disponibbli gurnata ohra.

L-ghada hija kienet xoghol fi spizerija ohra gewwa s-Sannat fejn taghmel xoghol part-time, meta f’hin minnhom rega’ tfacca l-imputat. Tghid illi l-imputat deher sorpriz li raha u taha r-ricetta tat-tabib. Hawnhekk huwa beda ighaddielha kummenti personali u anke stqarr maghha li kellu grazzja maghha. Azzopardi ma bdietx tiehu pjacir b’dina l-attenzjoni u anke tghid li hassitha imbezza’. Meta tbaxxiet biex iggib il-medicina tghid li hasset lill-imputat jaqbdilha il-warrani taghha. Dak il-hin ma qaltlu xejn, izda wara ftit l-imputat qabdilha sidirha b’idejh. Hi bir-rabbja nehhietlu idejh minn fuq sidirha u qaltlu biex ma imissiex. L-imputat izda ma qatax qalbu u rega’ staqsieha biex tiltaqa’ mieghu ghal kafe’. Hi irrifjutat, hallasha u telaq ‘il barra. Billi Azzopardi bdiet tibza’ li l-imputat kien ser jibda jippersegwitha fuq il-post tax-xoghol taghha, hija iddecidiet taghmel rapport lill-pulizija sabiex l-imputat ma jibqax idejjaqha. Fix-xhieda taghha hija tghid illi tixtieq tahfer lill-imputat ghall-akkadut bil-kundizzjoni illi huwa jintrabat li ma jergax jimmolestaha.

Illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija[4], kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu fil-Qorti[5], l-imputat jichad illi huwa immolesta lill-parti leza. Illi ghalkemm fil-verzjoniet tieghu tal-fatti jaqbel kwazi f’kollox ma’ dak li tghid il-parti leza, madanakollu meta jigi ghall-parti fejn huwa messha, din jissorvolaha u ighid illi laqatha bi zbrixx accidentalment fuq sidirha meta kien qieghed ihallas. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi lill-imputat ma temmnux u li l-verzjoni moghtija mill-parti leza hija wahda konsistenti u iktar kredibbli billi huwa ghal kollox impossibbli illi l-imputat seta laqat lil-parti leza bi zball filwaqt li kien qieghed ihallasha meta dina kienet qieghda wara l-bank. Bl-ebda sforz ta’l-

[4] Dokument B a fol.11
[5] Ara xhieda ta’l-imputat a fol.35

immaginazzjoni ma huwa possibbli illi meta persuna tmur tixtri u tkun qed thallas tolqot lil bejjieh li ikun qieghed wara il-bank tal-hanut fuq sidru jew sidirha! L-imputat konvenjentement ighid illi dan kien accident u li ma kellux l-intenzjoni imiss lill-parti leza íntimament meta l-parti leza stess tghid illi huwa pogga idejh fuq sidirha tant illi kellha tkun hi stess li tnehhielu idu minn hemm.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg reati, wiehed tal-fastidju u l-iehor ta offiza ghall-pudur fil-pubbliku.

Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu.* <u>*Repeated or persistent*</u>*) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-provi akkwiziti kif indikat iktar 'il fuq fil-fehma tal-Qorti dak li sehh bejn Azzopardi u l-imputat sehh f'zewg incidenti mifruxa fuq jumejn u cioe' l-4 u l-5 ta' Ottubru 2010. Illi madanakollu mill-qari ta'l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh il-5 ta' Ottubru 2010 u mhux incidenti ohra li sehhew fil-jiem ta'

qabel dina l-gurnata. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza'.(ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat.

Illi l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi l-mod kif ghandha tigi ifformulata ic-citazzjoni, meta l-imputat ma jigix imressaq il-Qorti bl-arrest. Jinghad testwalment:
*(1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b'ordni bil-miktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.*
*(2) Iċ-ċitazzjoni* ***għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka,*** *u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża,* ***bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok*** *li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Illi il-Qorti ghalhekk hija rinffaccjata b'akkuza dwar reat li jehtieg bil-fors agir persistenti u ripetut minn naha tal-persuna akkuzata ghal ta'l-inqas f'zewg okkazzjonijiet, meta mill-qari ta'l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh fil-5 ta' Ottubru 2010. Illi ghalhekk ir-riproduzzjoni ta' dak li tipprovdi il-ligi fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, imbaghad, ma jaghmilx sens ghaliex l-atti l-ohra li suppost iwasslu sabiex ir-reat ikun jitqies bhala wiehed kontinwat suppost sehhew fl-istess jum, haga li ma tirrizultax mill-atti. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

L-istess ma jistax jinghad madanakollu fir-rigward tat-tieni akkuza. L-imputat jinsab akkuzat ukoll illi offenda il-pudur

u il-morali b'eghmil li sar fil-pubbliku kif previst fl-artikolu 209 tal-Kapitolu 9. Illi l-Professur Mamo jghallem li:
"*the object of protection under this section is public decency or morality. Publicity is therefore the essential basis of this offence. From this it follows that the offending act may even be one which if done in private would be perfectly legitimate . The acts need not be acts of lewdness, nor necessarily consist of the exhibition of private parts; embraces or other acts accompanied by such circumstances or words as offend the sense of decency were held to be sufficient ... The offending act may be committed on the person of another or on one's own person.*"

Illi ma hemmx dubbju illi l-att ta' offiza sar fi spizerija miftuha ghal-pubbliku. Ma hemmx dubbju lanqas illi l-imputat ghamel atti indicenti u tal-misthija meta immolestaha persuna tas-sess l-oppost kontra r-rieda taghha fil-pubbliku. Kwindi l-Qorti ser issib htija ghal dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-parti leza haffret lill-imputat ghal dana l-incident, izda fuq kollox ir-rapport ta'l-ufficcjal tal-Probation Ivan Sultana. L-imputat huwa afflitt minn problemi ta' sahha mentali. Ibati mhux biss minn *manic depression*, izda ukoll minn *schizoaffective disorder*. Fil-fatt huwa qed jircevi il-kura ghal dina l-kundizzjoni li ilha fuqu minn mindu kien adolexxenti. L-imputat jidher illi sar bniedem izolat hafna li ma jahdimx u lanqas ghandu hajja socjali. Dan abbinat mal-kundizzjoni ta' sahha tieghu x'aktarx wasal biex jikkometti r-reat li dwaru jinsab akkuzat. Huwa importanti ghalhekk illi l-imputat jibqa jircevi l-kura li ghandu bzonn biex b'hekk ikun jista' jaghmel ghazla ghaqlija dwar dawk l-azzjonijiet li huma permissibbli fis-socjeta u ohrajn li ma humiex accettabbli ghall-ebda raguni!

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-

ewwel akkuza, issibu hati tat-tieni akkuza u tikkundannah multa ta’ €500.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ €2000 biex bl-ebda mod ma javvicina jew ikellem lil Vanessa Azzopardi u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------